MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 278/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Victor Aquilina)**
**Vs**
**Mark Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 237084 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fis-26 ta' Novembru 2008 u fl-erba` xhur ta' qabel :

a. traffika, biegh, qassam jew offra li jitraffika, jbiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-sahha pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

b. kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Mejju, 2012, li biha wara li rat l-artikoli 40A u 120A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, LN 22/1985, L.S 31.18 Artikolu 5, l-Ewwel Skeda ta' l-istess L.S 31.18 u l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal piena karcerarja ta' sentejn ikkundannatu ukoll ghal multa fl-ammont ta' €3,000.
Rat ukoll l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kkundannatu ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal €659.81.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta' Gunju, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellant instab hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu izda tirrevokaha fejn ikkundannatu ghall-piena ta' sentejn prigunerija, multa ta' tlett elef Ewro u l-hlas tal-ispejjez peritali u minflok tipprovdi ghall-piena aktar mita u idoneja.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti :

Illi dan l-appell m'huwiex appell fuq il-mertu izda appell fuq il-piena erogata mill-Ewwel Qorti;

Illi fl-umli fehma tal-appellant, il-piena, ghalkemm fil-parametri tal-Ligi, kienet wahda
eccessiva u mhux idoneja.

Illi piena karcerarja daqstant fit-tul, ser tkisser ix-xoghol siewi kollu li sar mal-appellant partikolarment mill-Probation Services, li hadmu fuq li hadmu sabiex l-appellant illum jitqies bhala persuna riformata;

Illi fil-fatt, quddiem l-Ewwel Qorti, xehed ghal diversi drabi John Testa, il- Probation Officer ta' l-istess appellant li enfasizza kemm -il darba il-progress li kien qieghed jaghmel l-istess appellant, li kellu l-urine tests clean, u li kien qieghed izomm kuntatt
regolari mieghu;

Illi illum il-gurnata l-appellant ghandu relazzjoni stabbli li bidlitlu hajtu, ghandu xoghol
fiss u zamm ruhu il-boghod hafna mill-kriminalita';

Illi piena karcerarja ta' sentejn ser isservi biss biex dak kollu li nbena f'dawn l-ahhar snin, jisfuma fix-xejn u ma tista' qatt twassal ghall-effetti riformattivi mixtieqa meta jigu mposti tali pieni karcerarji;

Illi ghalkemm m'huwiex kontradett li l-appellant zbalja u zbalja bil-kbir, aktar minn darba u li ghaldaqstant huwa recidiv, l-appellant certament m'huwiex 'hardened criminal' izda kien guvni immatur li ghamilha ma' kumpanija hazina li wasslitu biex jaghmel zbalji li llum il-gurnata jirrealizza li ma kellu qatt jaghmel;

Illi l-appellant nstab hati ta' traffikar ta' droga 'ecstasy'. L-ammonti mertu ta' din il-kawza huma ammonti zghar ferm u fil-fatt il-controlled delivery innifisha kienet tikkoncerna ghoxrin pillola 'ecstasy'. Dan qed jinghad biex jitpogga kollox fil-perspettiva gusta, u dan sabiex wiehed jifhem li hawnhekk mhux qed nitkel!mu fuq xi traffikant tad-droga prim, izda fuq makku illi inqabad f'xibka u cirku vizzju illi sfortunatament irnexxielu johrog minnu;

Illi jekk wiehed ihares lejn kazijiet ohra decizi miil-Qorti tal-Magistrati diversament preseduta, bhal nghidu ahna il-kawza fl-ismijiet ‘Pulizija vs Simon Deguara’ deciza nhar il-11 ta’ Gunju, 2010 u konfermata fl-appell nhar it-12 ta’ Jannar, 2011, wiehed isib li l-imputat f’dan il-kaz, ghalkemm mhux recidiv, instab hati ta’ diversi akkuzi ta’ spacc u pussess ta’ droga (aktar minn mitt pillola ecstasy) u ta’ dan gie kkundannat sitt xhur prigunerija;

Illi fil-kawza fl-ismijiet ‘Repubblika ta’ Malta vs Patrick Borg’ deciza fil-5 ta’ Dicembru,
2011, insibu li l-Qorti Kriminali, rinfaccata b’kaz ferm aktar serju ta’ spacc ta’ droga erojina u kokaina lil xejn inqas minn erba’ persuni, f’fond li jinsab inqas minn mitt metru ‘il boghod minn skola, ikkundannat lill-imputat ghal piena ta’ hames snin u sitt xhur prigunerija;

Illi l-appellant jemmen illi l-fatt li huwa rriforma ruhu, u dan qed jigi konfermat mill-persuni li kienu qed isegwuh dawn l-ahhar snin, jimmilita sabiex hu jinghata piena li tkun eqreb tal-minimu li l-Gudikant jista’ jimponi f’kazijiet bhal dawn;

Illi mill-banda l-ohra l-appellant jifhem illi minkejja l-fatt li huwa rriforma ruhu, xorta
ghandu kont x’ihallas mas-socjeta’, u ghaldaqstant qieghed jirrimetti ruhu ghal gudizzju finali ta’ dina l-Qorti dwar il-piena li ghandha tigi erogata fil-konfront tieghu, tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta’ dan il-kaz.

Illi l-aggravju tal-appellant huwa  dan li ġej:

L-ammont mertu ta’ din il-kawża huwa ammont żgħir u fil-fatt il-controlled delivery tikkonċerna għoxrin ecstasy.  L-appellant irrefera għall-każi oħra b’diversi akkużi ta’ spaċċ fejn il-kundanna kienet inqas jew ammontat għal ħames snin u nofs priġunerija.  Fil-każ tal-aħħar, l-ispaċċ sar f’anqas minn metru ‘l bogħod minn skola.  La r-rikorrent irriforma ruħu,  allura l-piena kellha tkun qrib il-minimu għalkemm l-appellant jaf li jrid iħallas d-dejn lejn is-soċjeta’.

Ikkonsidrat

L-ewwelnett il-piena hija waħda fil-parametri tal-liġi tenut kont li din setgħet kienet bejn sitt xhur u għaxar snin priġunerija waqt li l-multa setgħet kienet bejn 465.87 Ewro u 11,646.87 Ewro.

It-tieni, kull każ għandu storja għalih u inutli jsiru l-paraguni ma' każijiet oħra. Faċilment jinstabu każijiet oħrajn fejn imputati oħra kienu kkundannati għal piena kemm, kemm akbar f'ċikostanzi ta' spaċċjar jew pussess mhux għall-użu esklussiv f'ċirkostanzi simili. Dwar dan it-tip ta' tqabbil fil-pieni, tkellmet awtorevolment il-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri u għamlitha ċara li m'hemm ebda raġuni legali għalihom. Huwa għalhekk li hemm id-diskrezzjoni tal-ġudikant biex jara x'inhuma **l-punti saljenti ta' kull każ** u liema piena hija l-aktar ġusta **fiċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari.** L-ammont ta' droga involut huwa importanti iżda miegħu jista' jkun hemm għadd ta' fatturi oħra bħal, per eżempju, **in-numru ta' drabi li sar l-ispaċċ**.

It-tielet – ma jfissirx li għax bniedem irriforma, allura huwa intitolat li jieħu l-minimu tal-piena. Minn imkien fil-liġi ma jirriżulta li hemm dan id-dritt. Mis-sentenza jidher li l-Qorti tal-Maġistrati kienet konxja li xehed il-Probation Officer kif jidher mill-paragrafu li ġej u dwar il-progress li kien għamel:

'Xehed għal diversi drabi John Testa, Probation Officer tal-istess Zammit. Dan qal dwar il-progress li kien qiegħed jagħmel l-istess imputat, li kellu l-urine tests clean, u li kien qiegħed iżomm kuntatt regolari miegħu.' [1]

Ir-raba': fl-istess rikors l-appellant jammetti li 'żbalja u żbalja bil-kbir aktar minn darba.' Isegwi li l-appellant ma jistax imbagħad jippretendi li jieħu l-minimu tal-piena.

Il-Qorti fliet sew l-atti kollha tal-proċess – mill-ewwel paġina sa paġina 218. Jirriżulta biċ-ċar li kellha ssir

[1] Fol 217 – il-ħames paġina tas-sentenza.

'controlled delivery' sabiex jinqabad l-appellant. U dan il-każ lanqas ma kien każ ta' xi ammissjoni bikrija għaliex il-Qorti kellha tagħmel valutazzjoni billi tqabbel ix-xhieda li ta l-appellant max-xhieda li ta Eliott Vella. Fil-kontro-eżami Roderick Vella ma qalx li avviċina lill-appellant għal bejgħ ta' xi biljetti tad-dħul iżda semma l-persuna li laqqgħetu mal-appellant biex seta' jixtri l-ecstasy minn għand l-appellant.'[2] Dan ifisser li l-appellant kien qed iservi bħala punt ta' referenza għall-bejgħ tad-droga.

L-appellant jissottometti li 'l-ammont f'dan il-każ kien żgħir.' Iżda f'dan il-każ japplika l-artikolu 18 għaliex l-ispaċċjar sar aktar minn darba.

Barra minn dan, l-appellant instab ħati tal-addebitu tar-reċidiva.

Il-Qorti semgħet ukoll b'attenzjoni dak li xehdet ir-rappreżentanta tal-'Caritas' fis-seduta tat-2 ta'Mejju 2013. Dina xehdet li l-appellant kien ilu jattendi l-Caritas mis-sena 2009.u li fit-testijiet ħareġ dejjem 'clean'. Illum għandu x-xogħol, jaħdem u għandu relazzjoni.

Il-Qorti qed tqis dak li xehdet ir-rappreżentanza tal-Caritas iżda, wara li kkonsidrat iċ-ċirkostanzi kollha, ma jidhrilhiex li għandha tvarja b'mod radikali l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati li hija waħda fil-parametri tal-Liġi..

Għalhekk il-Qorti sejra tilqa' l-appell bil-mod kif hawn indikat. Qegħda tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fit-23 ta' Mejju, 2012, billi waqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha magħmula kontrih u fejn ikkundannatu jħallas l-ispejjeż peritali qed tirriformaha f'dik il-parti fejn kien ikkundannat lill-appellant għal piena ta' sentejn priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' tlitt elef Ewro u minflok qed tikkundannah għal piena ta' priġunerija ta' sena u tmien xhur u għall-ħlas ta' multa ta' €2400 (elfejn u erba' mitt Ewro).

---

[2] Fol 173.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------